32001D0181

8.3.2001 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 66/39

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Frar 2001

li temenda l-Anness I mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/666/KEE li tistabbilixxi riservi Komunitarji tat-tilqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer u taġġorna d-Deċiżjoni 2000/112/KE rigward id-distribuzjoni tar-riservi ta' l-antiġeni bejn il-banek ta' l-antiġeni

(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2001) 425)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2001/181/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/666/KEE tal-11 ta' Diċembru 1991 li tistabbilixxi riservi Komunitarji tat-tilqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer [1], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 1999/762/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 9 tagħha,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1258/1999 [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

(1) Skond id-Deċiżjoni 91/666/KEE, ix-xiri ta' l-antiġeni huwa parti mill-azzjoni Komunitarja għalbiex jiġu stabbiliti r-riservi Komunitarji tat-tilqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer.

(2) L-Anness I mad-Deċiżjoni 91/666/KEE jagħti d-dettalji dwar il-kwantitajiet u s-sub-tipi ta' l-antiġen għall-virus tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer li jridu jinħażnu fir-riservi Kopmunitarji ta' l-antiġeni.

(3) Imġiegħla mill-qagħda epidemjoloġika u wara l-parir tal-Laboratorju Dinji ta' Riferiment għall-Marda ta' l-ilsien u d-Dwiefer, f'Pirbright, ir-Renju Unit, u fuq il-parir ta' grupp ta' esperti stabbilit sabiex jirrevedi whud mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 85/511/KEE [5], kif l-aħħar emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja, il-Komunità effettwat ix-xiri ta' sub-tipi u kwantitajiet ta' antiġeni tal-virus tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer.

(4) Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/590/KE tal-5 ta' Novembru 1993 għax-xiri mill-Komunità ta' l-antiġeni tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fil-kwadru ta' l-azzjoni Komunitarja li tirrigwarda r-riservi tat-tilqim tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer [6], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2000/112/KE [7], kienu saru arranġamenti għax-xiri ta' l-antiġeni A5, A22 u O1 tal-virus tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer.

(5) Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/348/KE tat-23 ta' Mejju 1997 għax-xiri mill-Komunità ta' l-antiġeni tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer u għall-formolazzjoni, il-produzzjoni, il-ibbottiljer u d-distribuzzjoni tat-tilqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer [8], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2000/112/KE, kienu saru arranġamenti għax-xiri ta' l-antiġeni A22-Iraq u ASIA1 tal-virus tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer

(6) Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/77/KE tas-17 ta' Diċembru 1999 għax-xiri mill-Komunità ta' antiġeni tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer u għall-formolazzjoni, il-produzzjoni, il-ibbottiljer u d-distribuzjoni tat-tilqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer [9], kienu saru arranġamenti għax-xiri ta' ċerti kwantitajiet ta' l-antiġeni A Iran 96, A Iran 99, A Malażja 97, SAT 1, SAT 2 (ir-razez ta' l-Afrika tal-Lvant u ta' l-Afrika ta' Isfel) u SAT 3 tal-virus tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer.

(7) Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/569/KE tat-8 ta' Settembru 2000 għax-xiri mill-Komunità ta' l-antiġeni tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer u għall-formolazzjoni, il-produzzjoni, il-ibbottiljer u d-distribuzjoni tat-tilqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer [10], kieni saru arranġamenti għax-xiri ta' kwantitajiet addizzjonali ta' l-antiġeni A 22-Iraq, O1-Manisa, ASIA 1-Shamir, A Malażja 97, SAT 1, SAT 2 (ir-razez ta' l-Afrika tal-Lvant u ta' l-Afrika ta' Isfel) u SAT 3 tal-virus tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer.

(8) Jidher meħtieġ illi l-Anness I mad-Deċiżjoni 91/666/KEE jiġi allineat max-xiri magħmul mill-Komunità fid-dawl ta' l-iżvilupp epidemjoloġiku.

(9) Jidher appropriat ukoll li jiġi aġġornat l-Anness mad-Deċiżjoni 2000/112/KE li jagħti d-dettalji dwar id-distribuzzjoni bejn il-banek ta' l-antiġeni tar-riservi ta' l-antiġeni stabbiliti fil-kwadru ta' l-azzjoni Komunitarja li tirrigwarda r-riservi tat-tilqim tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer u li jiġu emedati d-Deċiżjonijiet 93/590/KE u 97/348/KE.

(10) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterenarju Permanenti,

---

[1] ĠU L 368, tal-31.12.1991, p. 21.
[2] ĠU L 301, ta' l-24.11.1999, p. 6.
[3] ĠU L 224, tat-18.08.1990, p. 19.
[4] ĠU L 160, tas-26.06.1999, p. 103.
[5] ĠU L 315, tas-26.11.1985, p. 11.
[6] ĠU L 280, tat-13.11.1993, p. 33.
[7] ĠU L 33, tat-8.2.2000, p. 21.
[8] ĠU L 148, tas-6.6.1997, p. 27.
[9] ĠU L 30, ta' l-4.2.2000, p. 35.
[10] ĠU L 238, tat-22.9.2000, p. 61.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I mad-Deċiżjoni 91/666/KEE huwa mibdul bl-Anness I ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-Anness mad-Deċiżjoni 2000/112/KEE huwa mibdul bl-Anness II ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Frar 2001.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

"L-ANNESS I

Il-kwantitajiet u s-sub-tipi ta' l-aniġeni li jridu jinżammu fil-banek ta' l-antiġeni

Ir-razez potenti u testjati tajjeb tat-tilqim li jikkorrispondu għal:

1.	O	Ir-razza Ewropea	O1-BFS
		Ir-razza tal-Lvant Nofsani	O1-Manisa
2.	A	Ir-razza ta' l-Amerika ta' Isfel	A24-Cruziero
		Ir-razza tal-Lvant Nofsani	A22-Iraq
		Ir-razza tal-Lvant Nofsani	A-Iran 96
		Ir-razza tal-Lvant Nofsani	A-Iran 99
		Ir-razza Asjatika	A-Malażja 97
3.	C	Ir-razza Ewropea	C1-Noville
4.	ASIA 1		ASIA 1-Shamir
5.	SAT	SAT 1	
		SAT 2	— ir-razza ta' l-Afrika tal-Lvant — ir-razza ta' l-Afrika ta' Isfel
		SAT 3	

Ir-razzez ta' hawn fuq għandhom jinżammu fi kwantitajiet suffiċjenti sabiex jitwettaq it-tilqim ta' l-emerġenza billi jitqiesu r-riskji stmati tas-sub-tipi differenti preżenti għall-bhejjem ta' l-irziezet fil-Komunità u f'kull każ mhux anqas minn żewġ miljun doża ta' kull sub-tip.

Kull doża tat-tilqim irrikostitwita mill-antiġeni ta' hawnhekk għandu jkollha potenza osservata ta' 6 PD50 fil-bhejjem tal-fart, meta ttestjati skond il-Farmakopea Ewropea."

L-ANNESS II

"L-ANNESS

IL-BANK EWOPEW TA' L-ANTIĠENI	Il-Banek innominati ta' l-antiġeni			IL-BANK EWOPEW TA' L-ANTIĠENI
	L-IZP Brescia	IL-LNPB Lyon	Il-Merial SAS Pirbright/Lyon	
It-Tip/sub-tip ta' l-antiġeni	Il-Kwantità (1) (x 1 000 000)	Il-Kwantità (1) (x 1 000 000)	Il-Kwantità (1) (x 1 000 000)	It-Total (x 1 000 000)
O1-Manasia	2,5	2,5		5,0
O1-BFS		2,5	1,0	3,5
A24-Cruzeiro		2,5	2,5	5,0
A22-Iraq	2,5	2,2		4,7
A Iran 96			1,0	1,0
A Iran 99			1,0	1,0
A Malażja 97			0,5	0,5
C1-Noville	2,5		2,5	5,0
ASIA1-Shamir	2,5		1,0	3,5
SAT 1			0,5	0,5
SAT 2 (Afrika)			0,5	0,5
SAT 2 (Afrika)			0,5	0,5
SAT 3			0,5	0,5
Il-Kwantità (1) (x 1 000 000) total għal kull sit	10,0	9,7	11,5	31,2

(1) Il-kwanita f'dożi ta' l-antiġen ekwivalenti għat-tilqim."